MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2401/2004

**Roberta Abela ID Nru 246369(M)**

**Vs**

**Vladimir Soprunovskiy**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija w erba' liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm804.52c) rapprezentanti prezz ta' sitt biljetti ta' l-ajru mahruga fuq ordnijiet tal-konvenut skond l-*invoices* esebiti ma' l-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li l-Avviz huwa null u bla effett stante li l-konvenut huwa ta' nazzjonalita'

barranija u gie nnotifikat bil-Malti. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma tatx is-servizz skond l-istruzzjonijiet moghtija u ma tatx is-servizz skond l-arti u l-professjoni. Illi l-attrici waqfet milli taghti l-informazzjoni preciza w ezatta lill-konvenut dwar il-biljetti li kienu *available*.

Sema' x-xhieda ta' l-attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici tahdem bhala *sales consultant* u li l-konvenut kien klijent taghha ghal numru ta' snin. Normalment li kien jigri huwa li l-konvenut icemplilha u jinfurmaha meta kien bihsiebu jsiefer, u hi tottjenilu l-biljetti tas-safar u l-konvenut ihallasha.

Fil-kaz odjern il-konvenut talabha biex iggiblu xi biljetti minn Malta ghal Vjenna u lura u kif ukoll minn Vjenna ghal Innsbruk u lura. Ma kienx hemm *notice* twil u ma tantx kien facli sabiex jigu ottenuti l-biljetti u ghalhekk l-attrici kellha *deadline* biex tohrog il-biljetti jew inkella jintilef il-*booking*. Wara li tkellmet mal-konvenut, fuq struzzjonijiet tieghu hija kkonfermat il-biljetti Vjenna-Innsbruk-Vjenna u fil-fatt hargu numru ta' biljetti ghal dan it-trip, izda, wara li hargu dawn il-biljetti, l-konvenut infurmaha li ma riedx il-biljetti aktar u dak il-mument offra li jhallasha izda l-attrici nfurmatu illi meta johorgu l-biljetti Malta-Vjenna-Malta jhallasha ta' kollox. Imbaghad hu wiegeb illi ma ried xejn u f'dak il-mument l-attrici rrispondietu illi ma setax jaghmel hekk ghax galadarba l-biljetti kienu hargu ma kienx hemm *refund*. Fortunatament il-biljetti Malta-Vjenna-Malta ma kienux ghadhom hargu u ghalhekk m'hemmx *claim* fir-rigward taghhom.

L-attrici qieghda titlob kumpens ghall-biljetti li hargu u li hi hallset ghalihom, cjoe' li jirrapprezentaw l-ammont mitlub f'din il-kawza. Jirrizulta li hi ma setghetx tiehu *refund* ta'

dawn il-biljetti.  Illi ghalhekk it-talba ta’ l-attrici tirrizulta debitament ippruvata.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, din hija bla ebda bazi legali.  Huwa evidenti illi l-konvenut fehem l-import ta’ l-Avviz, tant li rrispondiha fil-mertu u ma sofra l-ebda pregudizzju.  Fl-ebda hin ma talab li jigi nnotifikat permezz ta’ Avviz bil-lingwa Ingliza.  Sahansitra ghalkemm kellu diversi opportunitajiet sabiex jipprezenta ruhu u jixhed u jipproduci x-xhieda tieghu, huwa naqas li jaghmel hekk.  Huwa kkontesta l-kawza w anki nkariga avukat liema avukat deher regolarment ghas-seduti. Sahansitra l-ahhar seduta giet iffissata appositament ghaliex it-Tribunal inghata x’jifhem li din id-data tkun konvenjenti ghall-konvenut.  Il-konvenut ghal darb’ ohra ma pprezentax ruhu u lanqas ma baghat xi forma ta’ risposta ghaliex ma deherx.

Ghar-rigward ta’ l-eccezzjoni fil-mertu, din ma tirrizultax fondata ghar-ragunijiet spjegati aktar ‘il fuq u ghalhekk qed tigi michuda.
Kollox ma’ kollox it-Tribunal ihoss illi d-difiza tal-konvenut kienet wahda purament vessatorja u nghatat purament sabiex il-proceduri jitwalu inutilment u, kieku d-dispost ta’ l-Artikolu 10 (3) kien applikabbli ghall-konvenut, it-Tribunal kien ikun inklinat li jadottah fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tmien mija w erba’ liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm804.52c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------